MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 497/2014

A K B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t' April tas-sena elfejn u sitta (2006) (certifikat taz-zwieg hawn anness u market Dok "A", u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel L li twieled fis-sena elfejn u sebgha (2007);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Farrugia fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markata Dok. "B";

Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal perjodu ta' aktar minn erba` (4) snin mill-ahhar hamsa qabel illum u dana kif jirrizulta mill-anness ittra legali markata Dok. "C";

Illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri L B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li qed jigi markat bhala Dok. "D";

Illi m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti favur il-minuri msemmi;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi minbarra li ilhom 'il fuq minn erba' snin (4) mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tiddikjara li l-esponenti qeghda tirriverti ghal kunjom xbubitha “Guseva” sabiex b’hekk isimha jkun jaqra “A K Guseva”;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Novembru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Ottubru 2011 u ilhom de facto

separati ghal aktar minn erba' snin mill-ahhar hames snin qabel ma gieipprezentat ir-rikors promotur;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, fuq talba tar-rikorrenti tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha "Guseva" sabiex b'hemm isimha jkun jaqra "A K G" u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------